



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' April 2023
(OR. fr)

8800/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0118(NLE)

PECHE 153

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' April 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 218 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023–2027)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 218 final.

Mehmuż: COM(2023) 218 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.4.2023
COM(2023) 218 final

2023/0118 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023–2027)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fid-19 ta' Diċembru 2007 ġie ffirmat Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u ġie applikat b'mod proviżorju mill-1 ta' Jannar 2007. Għandu jiġġedded b'mod taċitu għal perjodi ta' 6 snin mid-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-aħħar Protokoll ta' Implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim ta' Sħubija ġie ffirmat fit-23 ta' Diċembru 2014 u ġie applikat mill-1 ta' Jannar 2015 sal-31 ta' Diċembru 2018, meta skada.

Abbażi tad-direttivi ta' negozjati rilevanti¹, il-Kummissjoni wettqet negozjati ma' Madagascar dwar il-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) bejn l-Unjoni Ewropea u Madagascar, inkluż protokoll ta' implimentazzjoni ġdid għal dak il-ftehim. L-oġettiv huwa li l-bastimenti tal-Unjoni jingħataw aċċess għaż-żona tas-sajd ta' Madagascar u li jistadu għat-tonn u għall-ispeċijiet assoċjati hemmhekk, skont mandat ta' ġestjoni mogħti mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC). B'riżultat ta' dawn in-negozjati, fit-28 ta' Ottubru 2022 ġew inizjalati test ġdid tal-Ftehim u test ġdid tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni.

Il-Ftehim il-ġdid iħassar u jissostitwixxi l-Ftehim eżistenti. Għandu jkopri perjodu ta' erba' snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 19 tiegħu, jiġifieri l-1 ta' Lulju 2023, soġġett għall-iffirmar tiegħu mill-Partijiet, jew id-data ta' dan l-iffirmar jekk isseħħ wara l-1 ta' Lulju 2023.

Il-Protokoll il-ġdid ikopri perjodu ta' 4 snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja stabbilita fl-Artikolu 19 tiegħu, skont l-istess dispożizzjonijiet tal-Ftehim.

L-għan tal-proposta huwa li tawtorizza l-iffirmar tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu, kif ukoll l-applikazzjoni provviżorja tagħhom.

• Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

L-oġettiv ewlieni tal-SFPA l-ġdid huwa li jipprovdi qafas aġġornat li jqis il-prijoritajiet tal-Politika Komuni tas-Sajd riformata u d-dimensjoni esterna tagħha. Dan jikkontribwixxi għall-kontinwazzjoni u t-tisħiħ tas-sħubija strateġika bejn l-Unjoni Ewropea u Madagascar. L-SFPA l-ġdid se jippermettilhom jaħdmu aktar mill-qrib flimkien biex jippromwovu politika tas-sajd sostenibbli, f'konformità mal-oġettiv tal-konservazzjoni tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar, kif rikonoxxut mid-dritt tal-Unjoni, u l-isfruttament responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet ta' Madagascar. Se tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' ekonomija sostenibbli tal-oċeani, fl-interess taż-żewġ partijiet. Din il-kooperazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' kondizzjonijiet tax-xogħol diċenti fis-settur tas-sajd.

Il-Protokoll il-ġdid jipprevedi opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Madagascar, fejn xieraq fil-limiti tal-ammonti żejda disponibbli. Hija bbażata fuq l-aqwa pariri xjentifiċi disponibbli u fuq ir-rakkomandazzjonijiet magħmula mill-IOTC, li hija l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd responsabbli għall-ġestjoni ta' stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna, li d-deċiżjonijiet tagħha huma applikabbli bis-sħiħ, kif imsemmi fil-Ftehim (l-Artikolu 4.3). Il-miżuri ta' ġestjoni adottati mill-IOTC huma inklużi wkoll fid-

¹ It-3622 laqgħa tal-Kunsill Ġustizzja u Affarijiet Interni tal-4 ta' Ġunju 2018
<https://www.consilium.europa.eu/media/36284/st09680-en18.pdf>

dispożizzjonijiet rilevanti tal-Politika Komuni tas-Sajd applikabbli għaż-żona tal-IOTC, b'mod partikolari dawk tar-regolament annwali li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd².

Il-Kummissjoni sejset il-pożizzjoni tagħha, fost l-oħrajn, fuq ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-Protokoll preċedenti (2015–2018) u ta' evalwazzjoni li tħares 'il quddiem dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn iż-żewġ valutazzjonijiet saru minn esperti esterni.

Il-Protokoll jipprevedi l-opportunitajiet tas-sajd li ġejjin għal ħut li jpassi ħafna:

- 32 bastiment tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni;
- 13-il bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' aktar minn 100 GT;
- 20 bastiment li jistadu bil-konz tal-wiċċ b'tunnellaġġ gross ta' 100 GT jew inqas,
- kif ukoll bastimenti ta' appoġġ skont ir-risoluzzjonijiet rilevanti tal-IOTC.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

In-negozjar ta' SFPA ġdid huwa parti mill-azzjoni esterna tal-UE lejn il-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u jqis, b'mod partikolari, l-oġettivi tal-UE fil-qasam tal-ħarsien tal-prinċipji demokratiċi u tad-drittijiet tal-bniedem.

L-Unjoni u Madagascar huma wkoll partijiet mill-Ftehim Interim iffirmat fid-29 ta' Awwissu 2009 li jistabbilixxi qafas għal Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE) bejn l-Istati tal-Afrika tal-Lvant u tan-Nofsinhar, minn naħa waħda, u L-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra. In-negozjati bil-ħsieb li jikkonkludu SFPA ġdid huma konformi mal-FSE, li jipprevedi kooperazzjoni bejn il-partijiet dwar l-iżvilupp tas-settur tas-sajd u l-kummerċ fil-prodotti tiegħu li jkopru s-sajd fil-baħar, is-sajd fl-ilmijiet interni u l-akkwakultura.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika hija l-Artikolu 43(2) tat-TFUE, li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd, u l-Artikolu 218(5) tat-TFUE, li jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta min-negozjatur, għandu jadotta deċiżjoni li tawtorizza l-iffirmar tal-ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi u, jekk meħtieġ, l-applikazzjoni provviżorja tiegħu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu.

L-Artikolu 17(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jistipula li bl-eċċezzjoni tal-oqsma tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, il-Kummissjoni għandha tiżgura r-rappreżentanza esterna tal-UE. Konsekwentement, l-uffiċjali maħtura mill-Kummissjoni biss huma kompetenti sabiex jiffirmaw ftehim bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi.

• **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea skont l-Artikolu 3(1)(d) tat-TFUE.

² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2023/194 tat-30 ta' Jannar 2023 li jistabbilixxi għall-2023 l-opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet tal-ħut, applikabbli fl-ilmijiet tal-Unjoni u, għal bastimenti tas-sajd tal-Unjoni, f'ċerti ilmijiet mhux tal-Unjoni, kif ukoll li jistabbilixxi għall-2023 u għall-2024 tali opportunitajiet tas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond, ĠU L 28, 31.1.2023, p. 1–219. Ara t-Taqsim 5 u l-Anness II.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata mal-objettiv li jiġi stabbilit qafas ta' governanza ġuridika, ambjentali, ekonomika u soċjali għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi, f'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 li jistabbilixxi l-Politika Komuni tas-Sajd. Hija tikkonforma ma' daww id-dispożizzjonijiet kif ukoll mad-dispożizzjonijiet dwar l-għajnuna finanzjarja lil pajjiżi terzi stabbiliti fl-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Fl-2017, il-Kummissjoni wettqet evalwazzjoni ex post tal-Protokoll tal-2015–2018 għall-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd ma' Madagascar, kif ukoll evalwazzjoni ex ante ta' Protokoll ġdid possibbli³.

L-evalwazzjoni ex post tal-Protokoll tal-2015–2018 ikkonkludiet li dan jikkomplementa l-arranġamenti l-oħra ta' aċċess stabbiliti fir-reġjun, li jippermettu lill-bastimenti tal-Unjoni jottimizzaw l-isfruttament tal-istokkijiet tal-ħut migratorju skont ir-regoli reġjonali stabbiliti mill-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan. Il-Protokoll tqies rilevanti għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati tal-UE peress li pprova aċċess prevedibbli għal żona tas-sajd ta' interess fejn l-ispeċijiet fil-mira huma abbondanti lill-operaturi tal-bastimenti tal-UE. L-aċċess għall-ilmijiet ta' Madagascar joffri l-possibbiltà lill-flotta tal-Unjoni tal-bastimenti tas-sajd bil-konż ibbażata f'Réunion li testendi ż-żoni tas-sajd għall-ilmijiet ġirien ta' dan ir-reġjun ultraperiferali. L-attivitajiet imwettqa mill-flotta tat-tonn tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' Madagascar u lil hinn fl-Oċean Indjan kellhom benefiċċji soċjoekonomiċi konsiderevoli għal Madagascar, li, permezz ta' kapaċità tal-ipproċessar lokali, jikseb parti mill-valur miżjud, u l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni ġiet stabbilita f'livell li fil-biċċa l-kbira jikkorrispondi għall-opportunitajiet tas-sajd sfruttati.

Fir-rigward tal-appoġġ settorjali, l-evalwazzjoni sabet li l-implimentazzjoni tal-programm kienet sodisfaċenti b'rata ta' żborż tajba fit-terminu medju u li programm futur ta' appoġġ settorjali għandu jkollu bħala prijetà t-tisħiħ tal-kapaċità ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza, il-kapaċitajiet ta' spezzjoni tas-saħħa biex tiġi ppreservata l-kapaċità tal-esportazzjoni, u l-appoġġ għat-taħriġ professjonali tal-baħħara. Programm futur ta' appoġġ settorjali jista' jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tas-settur nazzjonali tas-sajd permezz ta' appoġġ għal sajjieda artiġjanali u għaż-żamma ta' koordinazzjoni tajba mal-attivitajiet iffinanzjati minn donaturi oħra. L-evalwazzjoni rrakkomandat l-allokazzjoni ta' parti mill-finanzjament disponibbli għar-reklutaġġ ta' assistent tekniku estern biex jikkoordina u jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-programm ta' appoġġ settorjali.

Huwa importanti għall-Unjoni li żżomm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali mill-qrib ma' pajjiż li huwa sieħeb ewlieni, fornitur ta' prodotti tas-sajd għall-Unjoni u parti kkonċernata fix-xena internazzjonali, u li għandu żoni tas-sajd ta' interess għall-flotta tal-Unjoni.

³

[Évaluation rétrospective et prospective du protocole à l'accord de partenariat dans le domaine de la pêche durable entre l'Union européenne et la République de Madagascar - Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea \(europa.eu\)](#)

- **Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati**

Fil-kuntest tal-evalwazzjoni msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Istati Membri, lir-rappreżentanti tas-settur, lill-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll lill-amministrazzjoni tas-sajd u lir-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili f'Madagascar. Saru wkoll konsultazzjonijiet mal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal. Dawn il-konsultazzjonijiet juru li huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea u ta' Madagascar li jinżamm strument li jippermetti kooperazzjoni settorjali fil-fond, b'possibbiltajiet ta' finanzjament pluriennali għal Madagascar. Għat-tagħmir navali tal-UE, huwa fl-interess tagħhom li jżommu l-aċċess għal żona tas-sajd konsiderevoli, permezz ta' ftehim fis-settur tas-sajd. Mill-evalwazzjoni tal-2018, is-settur professjonali kkonferma fil-laqgħat tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal li l-interess tiegħu nżamm.

- **Ġbir u użu tal-għarfien esperti**

Il-Kummissjoni talbet lil konsulent indipendenti iwettaq l-evalwazzjonijiet ex post u ex ante, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

Drittijiet fundamentali

Il-Ftehim innegożjat klawżola dwar il-konsegwenzi tal-ksur ta' elementi essenzjali rigward id-drittijiet tal-bniedem kif stabbilit fl-Artikolu 9 tal-Ftehim ta' Cotonou jew fl-artikolu korrispondenti tal-ftehim suċċessur tiegħu.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tammonta għal EUR 1 800 000, abbażi ta':

a) tunnellaġġ ta' referenza ta' 14 000 tunnellata, li għalih ġie stabbilit ammont annwali ta' EUR 700 000 marbut mal-aċċess;

b) appoġġ għall-iżvilupp tal-politika settorjali tas-sajd ta' Madagascar, li jammonta għal EUR 1 100 000 fis-sena.

Dan l-appoġġ jilħaq l-oġettivi tal-kooperazzjoni fl-oqsma tal-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd, l-akkwakultura, l-iżvilupp sostenibbli tal-oċeani, il-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar u l-ekonomija blu.

L-ammont annwali għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament huwa stabbilit fil-proċedura baġitarja annwali, fosthom għal-linja ta' riżerva għall-protokollu li jkunu għadhom ma daħlux fis-seħħ fil-bidu tas-sena⁴.

⁴ F'konformità mal-punt 20 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni f'materji baġitarji (ĠU L 4331, 22.12.2020)

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ huma stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023–2027)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43(2), flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (minn hawn 'il quddiem "Madagascar")⁵, approvat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 31/2008⁶ daħal fis-seħħ b'mod provviżorju fl-1 ta' Jannar 2007⁷. Il-Protokoll tiegħu li jistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim, li daħal fis-seħħ fl-istess jum, ġie sostitwit diversi drabi.
- (2) Il-Protokoll preċedenti għall-Ftehim skada fil-31 ta' Diċembru 2018.
- (3) Fl-4 ta' Ġunju 2018, il-Kunsill adotta deċiżjoni⁸ li tawtorizza lill-Kummissjoni tiftaħ negozjati ma' Madagascar għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija ġdid dwar is-Sajd Sostenibbli ("il-Ftehim ta' Sħubija") u protokoll ġdid li jimplimenta dak il-Ftehim ("il-Protokoll").
- (4) Bejn Lulju 2018 u Ottubru 2022, saru tmien ċikli ta' negozjati ma' Madagascar għall-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu. Dawn in-negozjati ġew finalizzati u l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu ġew inizjalati fit-28 ta' Ottubru 2022.
- (5) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu għandhom l-għan li jippermettu lill-bastimenti tal-Unjoni jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u li jippermettu lill-Unjoni u lil Madagascar jaħdmu flimkien mill-qrib biex ikomplu jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli u l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u fl-Oċean Indjan.

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/797/KE tal-15 ta' Novembru 2007 dwar il-konklużjoni ta' Ftehim fil-forma ta' Skambju ta' Ittri rigward l-applikazzjoni provviżorja ta' emendi li jimmodifikaw il-Protokoll li jistabbilixxi l-oportunitajiet tas-sajd u l-kumpens finanzjarju stabbiliti fil-Ftehim ta' Sħubija bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar dwar is-sajd fiż-żoni tas-sajd ta' Madagascar għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2007 sal-31 ta' Diċembru 2012 (ĠU L 331, 17.12.2007, p. 3).

⁶ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 31/2008 tal-15 ta' Novembru 2007 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (ĠU L 15, 18.1.2008, p. 1).

⁷ ĠU L 331, p. 3, 17.12.2007

⁸ Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mar-Repubblika ta' Madagascar għall-konklużjoni ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli u Protokoll ta' Implimentazzjoni ta' dak il-Ftehim (ST 8710/2018).

Din il-kooperazzjoni tikkontribwixxi wkoll għall-ħolqien ta' kundizzjonijiet tax-xogħol diċenti fis-settur tas-sajd.

- (6) Għalhekk, jenħtieġ li l-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu jiġu ffirmati f'isem l-Unjoni Ewropea, soġġett għall-konklużjoni tagħhom f'data aktar tard.
- (7) Dawk l-atti għandhom japplikaw malajr kemm jista' jkun minħabba l-importanza ekonomika tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u l-ħtieġa li jitnaqqas kemm jista' jkun il-perjodu li fih dawn l-attivitajiet jiġu interrotti.
- (8) Il-Ftehim ta' Sħubija u l-Protokoll tiegħu għalhekk għandhom japplikaw fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Lulju 2023, dment li jiġu ffirmati, jew mill-iffirmar tagħhom jekk dan isir aktar tard,
- (9) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2018/1725⁹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u ta opinjoni fi *[jekk jogħġbok daħħal id-data]*,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascar (minn hawn 'il quddiem "il-Ftehim ta' Sħubija") u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija (2023–2027) (minn hawn 'il quddiem "il-Protokoll") huwa awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni ta' dawk l-atti.

It-testi tal-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll huma mehmużin ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ li jawtorizza lill-persuna indikata mill-Kummissjoni li tiffirma l-Ftehim ta' Sħubija u tal-Protokoll, soġġett għall-konklużjoni ta' dawk l-atti.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

Artikolu 3

Il-Ftehim ta' Sħubija għandu jiġi applikat fuq bażi provviżorja sakemm jidħol fis-seħħ, f'konformità mal-Artikolu 19 tiegħu, mill-1 ta' Lulju 2023 soġġett għall-iffirmar tiegħu, jew mid-data tal-iffirmar tiegħu jekk jiġi ffirmat wara l-1 ta' Lulju 2023.

Artikolu 4

Il-Protokoll għandu japplika fuq bażi provviżorja sakemm jidħol fis-seħħ, f'konformità mal-Artikolu 19 tiegħu, mill-1 ta' Lulju 2023 soġġett għall-iffirmar tiegħu, jew mid-data tal-iffirmar tiegħu jekk jiġi ffirmat wara l-1 ta' Lulju 2023.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara li tiġi adottata.
Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

1.4.3. Riżultat(i) u impatt(i) mistennija

1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Il-valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jiżdied mal-valur li mingħajru kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta' żball (waqt il-pagament u waqt l-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali

3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja ta' Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Madagascari u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu (2023–2027)

1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i)

08 – Agrikoltura u politika marittima

08.05 – Ftehimiet u sħubijiet dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) u Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs)

08.05.01 – L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa minn bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet ta' pajjiżi terzi

1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija dwar:

☒ **X azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹⁰**

☐ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/azzjoni ġdida**

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

In-negozjar u l-konklużjoni ta' Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) ma' pajjiżi terzi jissodisfaw l-għan ġenerali li l-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jingħataw aċċess għaż-żoni tas-sajd ta' pajjiżi terzi u li tinbena sħubija ma' dawn il-pajjiżi bil-ħsieb li jissaħħaħ l-użu sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd barra mill-ilmijiet tal-UE.

L-SFPAs jiżguraw ukoll il-konsistenza bejn il-prinċipji li jirregolaw il-Politika Komuni tas-Sajd u l-impenji li jsiru f'politiki Ewropej oħrajn [l-użu sostenibbli tar-riżorsi ta' pajjiżi terzi, il-ġlieda kontra s-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (is-sajd IUU), l-integrazzjoni tal-pajjiżi sħab fl-ekonomija globali, il-kontribuzzjoni għall-iżvilupp sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tiegħu, kif ukoll governanza politika u finanzjarja aħjar tas-sajd].

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Objettiv speċifiku Nru 1

Il-kontribuzzjoni għas-sajd sostenibbli fl-ilmijiet barra mill-UE, iż-żamma tal-preżenza Ewropea fil-flotot ta' distanzi twal u l-protezzjoni tal-interessi tas-settur tas-sajd Ewropew u tal-konsumaturi Ewropej, permezz tan-negozjar u l-konklużjoni ta' SFPAs ma' Stati kostali, f'koerenza mal-politiki l-oħra tal-UE.

¹⁰

Kif imsemmi/ja fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt(i) mistennija*

Speċifikazzjoni tal-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-konklużjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll ta' Implimentazzjoni tiegħu tippermetti li titkompla u tissaħħaħ is-sħubija strateġika fil-qasam tas-sajd bejn l-Unjoni Ewropea u Madagascar. Il-konklużjoni tal-Protokoll se toħloq opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar.

Il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu wkoll għall-ġestjoni u l-konservazzjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, permezz tal-appoġġ finanzjarju (l-appoġġ settorjali) għall-implimentazzjoni tal-programmi adottati fil-livell nazzjonali mill-pajjiż sieħeb, b'mod partikolari l-pjan komprensiv għall-qasam tas-sajd, permezz tal-monitoraġġ tas-sajd illegali u l-għieda kontrieha u permezz tal-appoġġ għas-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

Fl-aħħar nett, il-Ftehim u l-Protokoll se jikkontribwixxu għall-isfruttament sostenibbli minn Madagascar tar-riżorsi tal-baħar tiegħu, kif ukoll għall-ekonomija tas-sajd ta' Madagascar, billi jippromwovu t-tkabbir marbut mal-attivitajiet ekonomiċi relatati mas-sajd u l-istabbiliment ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifikazzjoni tal-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ir-rati tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd (l-adozzjoni annwali tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd bħala perċentwal tad-disponibbiltà fil-qafas tal-Protokoll).

Id-data dwar il-qabdiet (il-ġbir u l-analiżi) u l-valur kummerċjali tal-Ftehim.

Il-kontribuzzjoni għax-xogħol u għal kundizzjonijiet ta' xogħol deċenti fis-sajd, kif ukoll għall-valur miżjud fl-UE u għall-istabbiliment tas-suq tal-UE (b'mod aggregat mal-SFPAs oħra).

Il-kontribuzzjoni għat-titjib tar-riċerka, tas-sorveljanza u tal-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd mill-pajjiż sieħeb u l-iżvilupp tas-settur tas-sajd tiegħu, partikolarment fis-settur tas-sajd fuq skala żgħira.

1.5. **Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Huwa previst li l-Ftehim il-ġdid u l-Protokoll ta' Implimentazzjoni l-ġdid se japplikaw fuq bażi provviżorja mid-data tal-iffirmar tagħhom sabiex titnaqqas il-possibbiltà ta' interruzzjoni tal-operazzjonijiet tas-sajd minħabba l-iskadenza tal-Protokoll fil-qafas tal-Ftehim attwali.

Il-Ftehim u l-Protokoll il-ġodda se jipprovdu qafas għall-attivitajiet tas-sajd tal-flotta tal-UE fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u se jippermettu lis-sidien tal-bastimenti tal-UE japplikaw għal awtorizzazzjonijiet tas-sajd li jippermettulhom jistadu f'din iż-żona tas-sajd. Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll il-ġodda se jsaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u Madagascar bl-għan li jippromwovu l-iżvilupp ta' politika tas-sajd sostenibbli fid-dimensjonijiet kollha tagħha. B'mod partikolari, dan jipprevedi l-monitoraġġ tal-bastimenti permezz tal-VMS u t-trażmissjoni elettronika tad-data dwar il-qabdiet. L-appoġġ settorjali disponibbli skont il-Protokoll se jgħin lil Madagascar fil-qafas tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd tiegħu, inkluża l-għieda kontra

s-sajd IUU, filwaqt li jippromwovi kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti matul l-attivitajiet tas-sajd.

- 1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jiżdied mal-valur li mingħajru kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.*

Jekk l-Unjoni ma tikkonkludix Ftehim u Protokoll ġodda, il-bastimenti tal-Unjoni ma jkunux jistgħu jwettqu l-attivitajiet tas-sajd tagħhom, billi l-Ftehim attwali fih klawżola li teskludi l-attivitajiet tas-sajd li ma jsirux fil-qafas iddefinit minn Protokoll tal-Ftehim. Għalhekk, il-valur miżjud għall-flotta ta' distanzi twal tal-UE huwa ċar ferm. Il-Protokoll jipprovdi wkoll qafas għal kooperazzjoni msaħħa bejn l-Unjoni u Madagascar.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili*

L-analiżi tal-qabdiet storiċi fiż-żona tas-sajd ta' Madagascar u tal-valutazzjonijiet u l-pariri xjentifiċi disponibbli wasslu biex il-partijiet jistabbilixxu t-tunnellaġġ ta' referenza għat-tonn u għall-ispeċijiet li jixbhu lit-tonn għal 14 000 tunnellata fis-sena, b'opportunitajiet tas-sajd għal 32 bastiment tas-sajd bit-tartarun tal-borża u għal 33 bastiment tas-sajd bil-konz tal-wiċċ. L-appoġġ settorjali għe stabbilit f'livell għoli sabiex jitqiesu l-prioritajiet tal-istrateġija nazzjonali tas-sajd u, b'mod partikolari, tal-pjan komprensiv tas-sajd.

- 1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-fondi allokatu bħala kumpens finanzjarju għall-aċċess għall-SFPA jikkostitwixxu dħul funġibbli fil-baġit nazzjonali ta' Madagascar. Min-naħa l-oħra, il-fondi allokatu għall-appoġġ settorjali huma allokatu (ġeneralment permezz tal-inklużjoni fil-liġi finanzjarja annwali) lill-Ministeru responsabbli għas-sajd, li hija kundizzjoni għall-konklużjoni u l-monitoraġġ tal-SFPAs. Dawn ir-riżorsi finanzjarji huma kompatibbli ma' sorsi oħra ta' finanzjament minn donaturi internazzjonali oħra għall-implimentazzjoni ta' proġetti u/jew programmi li għandhom jiġu implimentati fil-livell nazzjonali fis-settur tas-sajd.

- 1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għariallokazzjoni*

Mhux applikabbli

1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

X durata limitata

- X Fis-seħħ mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2027 (soġġett għall-iffirmar qabel l-1 ta' Lulju 2023)
- X Impatt finanzjarju mill-2023 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2023 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ durata mhux limitata

- Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija minn SSSS sa SSSS,
- segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod/i ta' ġestjoni ppjanat/i¹¹

X Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

- ☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

☐ Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

- ☐ lil pajjiżi terzi jew korpi maħtura minnhom;
- ☐ lil organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
- ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;
- ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
- ☐ lil korpi tal-liġi pubblika;
- ☐ lil korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku, sakemm jingħataw garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lil entitajiet irregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jingħataw b'garanziji finanzjarji adegwati;
- ☐ lil persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
- *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

[...]
[...]

¹¹ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/FR/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regoli.

Il-Kummissjoni (DĠ MARE, f'kollaborazzjoni mal-uffiċjal tas-sajd tagħha responsabbli għar-reġjun — Port Louis, Mauritius, u f'koordinazzjoni mad-Delegazzjoni tal-UE f'Madagascar u mad-dipartimenti rilevanti tal-Kummissjoni), se timmonitorja regolarment l-implimentazzjoni tal-Protokoll fir-rigward tal-użu tal-opportunitajiet tas-sajd mill-operaturi, id-data dwar il-qabdiet u l-konformità mal-kundizzjonijiet tal-appoġġ settorjali.

Barra minn hekk, l-SFPA jipprevedi mill-inqas laqgħa annwali waħda tal-Kumitat Konġunt li fiha l-Kummissjoni u Madagascar jirrevedu l-implimentazzjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll tiegħu u, jekk ikun meħtieġ, jagħmlu aġġustamenti għall-ipprogrammar u, fejn xieraq, għall-kontribuzzjoni finanzjarja

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. *Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

Il-pagamenti għandhom isiru b'mod diżakkoppjat għall-kontribuzzjoni marbuta mal-aċċess u għall-kontribuzzjoni marbuta mal-appoġġ settorjali.

Il-pagamenti għall-aċċess se jsiru kull sena fid-data tal-anniversarju tal-Protokoll, ħlief fl-ewwel sena, meta l-pagament isir fi żmien tliet xhur minn meta l-Protokoll jibda japplika b'mod provviżorju. L-aċċess tal-bastimenti se jiġi kkontrollat permezz tal-ħruġ tal-awtorizzazzjonijiet tas-sajd.

L-ewwel pagament tal-appoġġ se jsir fi żmien tliet xhur minn meta l-Protokoll jibda japplika fuq bażi provviżorja, dejjem jekk jintlaħaq ftehim dwar il-programm ta' implimentazzjoni annwali u pluriennali; għas-snin li ġejjin, il-pagament se jkun kundizzjonali għar-riżultati miksuba. Ir-riżultati miksuba u r-rata ta' implimentazzjoni se jiġu mmonitorjati skont il-Linji Gwida dwar l-implimentazzjoni tal-appoġġ settorjali għall-politika tas-sajd ta' Madagascar li se jkunu miftiehma mill-Partijiet, abbażi tar-rapporti jew tal-prova dokumentarja pprovduta mill-pajjiż sieħeb u tal-kontrolli tekniċi mwettqa mill-uffiċjal tas-sajd.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

Ir-riskju identifikat huwa n-nuqqas ta' użu tal-opportunitajiet tas-sajd mis-sidien tal-bastimenti tal-UE u n-nuqqas ta' użu jew id-dewmien fl-użu tal-fondi maħsuba għall-finanzjament tal-politika tas-sajd settorjali minn Madagascar. Huwa ppjanat djalogu estensiv dwar il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika settorjali stabbilita mill-Ftehim u mill-Protokoll. Analiżi konġunti tar-riżultati msemija fl-Artikolu 8 tal-Protokoll jiffurmaw parti wkoll minn dawn il-metodi ta' kontroll. Barra minn hekk, il-Ftehim u l-Protokoll jipprevedu klawżoli speċifiċi għas-sospensjoni tagħhom, fil-qafas ta' ċerti kundizzjonijiet u f'ċerti ċirkostanzi.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontrolli ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”), u valutazzjoni tal-livell mistenni tar-riskju ta’ żball (waqt il-pagament u waqt l-għeluq)*

Il-pagamenti relatati mal-kostijiet tal-aċċess fil-qafas tal-Ftehimiet ta’ Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPAs) huma soġġetti għall-kontrolli mmirati li jiżguraw il-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-ftehimiet internazzjonali. Il-kontrolli relatati mal-appoġġ settorjali huma mmirati li jimmonitorjaw l-implimentazzjoni ta’ dan l-appoġġ. Il-monitoraġġ jitwettaq mill-persunal tal-Kummissjoni fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll waqt il-laqgħat tal-Kumitat Konġunt. Il-progress jiġi evalwat permezz ta’ matriċi tal-ipprogrammar pluriennali. F’każ li ma jkunx sar biżżejjed progress, il-pagament parzjali li jkun imiss jiġi sospiż, jew possibbilment jitnaqqas. Il-kost kumplessiv tal-kontrolli fuq l-SFPAs kollha huwa stmat li huwa ta’ madwar 1,8 % (tal-kontribuzzjonijiet kollha fl-2018). Il-proċeduri għall-kontrolli fuq l-SFPAs huma bbażati fil-biċċa l-kbira fuq ir-rekwiżiti regolatorji essenzjali. Jekk ma jinstab l-ebda nuqqas li jista’ jkollu impatt sinifikanti fuq il-legalità u fuq ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet finanzjarji, il-kontrolli jitqiesu li jkunu effettivi. Huwa stmat li r-rata medja tal-iżbalji hija ta’ 0,0 %.

2.3. **Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet**

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-Kummissjoni timpenja ruħha biex tistabbilixxi djalogu politiku u konsultazzjoni regolari ma’ Madagascar sabiex tkun tista’ ttejjeb il-ġestjoni tal-Ftehim u tal-Protokoll u ssahhaq il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi. Kwalunkwe pagament li l-Kummissjoni tagħmel fil-qafas tal-SFPA huwa soġġett għar-regoli u għall-proċeduri baġitarji u finanzjarji standard tal-Kummissjoni. B’mod partikolari, il-kontijiet tal-bank tal-pajjiżi terzi li fihom titħallas il-kontribuzzjoni finanzjarja huma identifikati bis-sħiħ. L-Artikolu 3(7) tal-Protokoll jipprevedi li l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-aċċess għandha titħallas f’kont tat-Teżor Pubbliku, u dik għall-iżvilupp tas-settur f’kont uffiċjali taħt is-superviżjoni tal-Ministeru responsabbli għas-sajd.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff. ¹²	mill-pajjiżi tal-EFTA ¹³	mill-pajjiżi kandidati ¹⁴	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
L-istabbiliment ta' qafas ta' governanza għall-attivitajiet tas-sajd imwettqa mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-pajjiżi terzi	08.05.01	Diff.	LE	/LE	LE	LE

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff.	mill-pajjiżi tal-EFTA	mill-pajjiżi kandidati	minn pajjiżi terzi	skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju
	[XX.SS.SS.SS]		IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE	IVA/LE

¹² Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

¹³ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

¹⁴ Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

F'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Numru 2	Tkabbir sostenibbli: riżorsi naturali
--	---------	---------------------------------------

DĠ MARE			Sena 2023 ¹⁵	Sena 2024	Sena 2025	Sena 2026	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali							
Linja baġitarja ¹⁶ 08.05.01	Impenji	(1a)	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
	Pagamenti	(2a)	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
Linja baġitarja	Impenji	(1b)					
	Pagamenti	(2b)					
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ¹⁷							
Linja baġitarja		(3)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ MARE	Impenji	=1a+1b +3	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
	Pagamenti	=2a+2b +3	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2

¹⁵ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

¹⁶ Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

¹⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
	Pagamenti	(5)	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
•TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 2 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
	Pagamenti	=5+6	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2

Jekk il-proposta/l-inizjattiva taffettwa iżjed minn intestatura operazzjonali waħda, irrepeti t-taqsima ta' hawn fuq:

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha)	Impenji	(4)	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
	Pagamenti	(5)	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha)		(6)					
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza)	Impenji	=4+6	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2
	Pagamenti	=5+6	1,8	1,8	1,8	1,8	7,2

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

Jenħtieġ li din it-taqsima timtela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabelxejn, trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

F’miljuni ta’ EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		TOTAL
DĠ: <.....>								
• Riżorsi umani								
• Nefqa amministrattiva oħra								
TOTAL TAD-DĠ <.....>	Appropriazzjonijiet							

TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti)							
--	---	--	--	--	--	--	--	--

F’miljuni ta’ EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

		Sena N ¹⁸	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		TOTAL
TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji							
	Pagamenti							

¹⁸ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta’ implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta’ wara.

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appoprjazzjonijiet operazzjonali

Appoprjazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs ↓			Sena 2023		Sena 2024		Sena 2025		Sena 2026		TOTAL	
	Outputs											
	Tip ¹⁹	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali	Kost totali
OBJETTIV SPECĊIFIKU Nru 1 ²⁰												
- Aċċess				0,7		0,7		0,7		0,7		2,8
- Appoġġ				1,1		1,1		1,1		1,1		4,4
- Output												
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1				1,8		1,8		1,8		1,8		7,2
TOTALI				1,8		1,8		1,8		1,8		7,2

¹⁹ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija).

²⁰ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv/i speċifiku/speċifiċi...".

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

F'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²¹	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)	TOTAL
--	-------------------------	-------------	-------------	-------------	---	-------

INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa amministrattiva oħra								
Subtotal tal- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

Barra mill- INTESTATURA 7²² tal-qafas finanzjarju pluriennali								
Riżorsi umani								
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva								
Subtotal barra mill- INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali								

TOTAL								
--------------	--	--	--	--	--	--	--	--

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

²¹ Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

²² Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.
- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full time

	Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)		
• Pożizzjonijiet fil-pjan ta’ stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)							
20 01 02 01 (fil-Kwartieri Ġenerali u fl-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)							
20 01 02 03 (fid-delegazzjonijiet)							
01 01 01 01 (Riċerka indiretta)							
01 01 01 11 (Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (li jridu jiġu speċifikati)							
• Persunal estern (f’unitajiet ekwivalenti għall-full time: FTE) ²³							
20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”)							
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)							
XX 01 xx yy zz ²⁴	- fil-Kwartieri Ġenerali						
	- fid-Delegazzjonijiet						
01 01 01 02 (AC, END, INT — Riċerka indiretta)							
01 01 01 12 (AC, END, INT — Riċerka diretta)							
Linji baġitarji oħra (li jridu jiġu speċifikati)							
TOTAL							

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	
Persunal estern	

²³ AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

²⁴ Sottolimiti għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega r-riprogrammazzjoni meħtieġa, filwaqt li tispeċifika l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Jekk jogħġbok ipprova tabella Excel f'każ ta' rippogrammazzjoni fuq skala kbira.

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhum meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ☒ ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☐ tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approporzjonijiet f'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

	Sena N ²⁵	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal- impatt (ara l-punt 1.6)			Total
Speċifika l-korp ta' kofinanzjament								
TOTAL tal-approporzjonijiet kofinanzjati								

²⁵

Is-sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– X Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

F'miljuni ta' EUR (sa 3 pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjo nijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ²⁶						
		Sena N	Sena N+1	Sena N+2	Sena N+3	Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6)		
Artikolu								

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

[...]

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[...]

²⁶

Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.